TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 82/16/GB

**Francesca u Ray Mangani**

**vs**

**Aplan Ltd.**

Illum 22 ta' Gunju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-15 ta' April, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' erbgha mija hamsa u tmenin Ewro (€485.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal magna tal-hasil, li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, u li ntbaghtet ghat-tiswija, wara liema, giet ikkonsenjata magna tal-hasil differenti lir-rikorrenti.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kellhom magna tal-hasil li kienet inxtrat minghand is-socjeta' ntimata. Kif kienet għadha taht garanzija, kienu marrulha l-*brushes*. Meta mar it-tekniku tas-socjeta' ntimata, ma setax jipprogrammaha u fl-aħħar iddeċieda li jehodha l-*workshop* u r-rikorrenti nghataw magna tal-hasil bhala *replacement*, sakemm kienet se ddum għat-tiswija. Kif is-socjeta' ntimata rritornawha, ir-rikorrenti ndunaw li ma kienitx il-magna tal-hasil tagħhom.

Illi ghalhekk, ir-rikorrenti qed jitolbu li jingħataw il-magna tal-hasil tagħhom.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija daħlet fl-istorja meta ċemplulha d-*deliverymen* u hija marret mal-ewwel fuq il-post, fejn hija rat iż-żewġ *labels* bis-*serial number*, ħadetilhom ritratti u irritornat l-uffiċju ħalli tara x'seta' ġara. Is-*serial number* fuq il-*job sheet* iffirmata mir-rikorrenti jaqbel mal-mudell in kwistjoni. Parts għal dawn il-magni, is-socjeta' ntimata ma jkollhiex għaliex dan kien mudell tal-2010.

Is-socjeta' ntimata marret fis-*sales records* ta' klijenti li kienu xtraw l-istess mudell, fejn l-unika differenza hija is-*serial number* li huwa individwali għal kull magna.

Meta l-magna tal-hasil tar-rikorrenti ddahlet fil-*workshop* tas-socjeta' ntimata, kien hemm biss magna oħra li kienet *washer/dryer*, u għalhekk mhux talli mudell differenti, izda magna kompletament differenti għax kellha d-*dryer* inkluża.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tar-riċevuta, li giet immarkata bħala DOK FM1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Xehdet Michelle Attard, prodotta mis-socjeta' ntimata.

Xehed Alan Ciantar, prodott mis-socjeta' ntimata.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ra l-provi prodotti mis-socjeta' ntimata u n-nuqqas ta' provi mressqa mir-rikorrenti, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**